MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 416/2007

**A B C**
**vs**
**L-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami**
**u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud**
**nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw**
**lill-assenti D E FG**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet:

1. Illi l-fatti hawn taht dikjarati tafhom hi personalment.

2. Illi hija zzewget lill-intimat fir-Registru Pubbliku fit-18 ta' Novembru 1997 (certifikat taz-zwieg anness Dok. A).

3. Illi hija zzewget lill-intimat mhux ghax verament riedet li tizzewgu, izda biss sabiex bis-sahha taz-zwieg ta'

bejniethom, l-intimat jkun jista’ jakkwista c-cittadinanza Maltija u jghix Malta minghajr problemi u hi tithallas talli zzewgitu.

4. Illi fil-fatt, wara li zzewgu, il-partijiet qatt ma ghexu flimkien, u r-rikorrenti u l-intimat telqu ghal rashom.

5. Illi ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fit-18 ta’ Novembru 1997 huwa null u bla effett peress illi l-kunsens taghhom kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

6. Illi ghalhekk wkoll iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett stante li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b’ eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi element wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Ghaldaqstant u in vista tal-premess l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara:

Illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti celebrat fit-18 ta’ Novembru 1997 huwa null u bla effett ai termini tal-artikoli 19(1)(d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimati ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha ddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri jekk ikun il-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavit prezentat;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut assenti fit-18 ta' Novembru 1997 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta mhux kontraddett li l-attrici, cittadina maltija, izzewget lill-konvenut assenti, cittadin egizjan, fit-18 ta' Novembru 1997. Il-partijiet qatt ma ghexu flimkien jew kellhom x' jaqsmu flimkien. Ezatt wara z-zwieg civili, l-konvenut baqa' sejjer ghal rasu. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-attrici tghid li hija kienet accettat il-proposta li tizzewweg lill-konvenut assenti unikament biex dan jakkwista c-cittadinanza maltija, u versu korrispettiv ta' LM800. Hija tghid li dak iz-zmien il-konvenut kien jigi ma' mara ohra, ta' nazzjonalita' maltija u li minnha kellu tarbija.

Tghid li "Jiena qatt ma ghext mal-intimat, u wisq anqas kelli x' naqsam mieghu, u nghid illi jien izzewwigtu biss peress li kont imwieghda il-flus jekk naghmel hekk."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess jirrizulta car u manifest li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghhom, il-partijiet, ghalkemm esternament ghaddew minn cerimonja ta' zwieg, izda nternament u b' att pozittiv tal-volonta' taghhom huma eskudew iz-zwieg fih in-nifsu.

Ghaldaqstant it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255; u konsegwentement timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-18 ta' Novembru 1997

L-ispejjez jigu sopportati konguntivament bejn il-partijiet fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------